MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 1353/2010

**N. Calleja Trading Enterprises Limited [C-16998]**

**Vs**

**Sullivan Maritime Limited [C-20340] f'isimhom proprju u bhala agenti f'Malta tal-kumpanija Taljana 'Atlantica di Navigazione S.p.A'**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta attrici mressqa fil-5 ta' Awissu, 2010** u li permezz taghha s-socjeta attrici talbet lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' sitt mija u hmistax-il euro u tmienja u hamsin centezmu ta' euro [€615.58] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi s-socjeta intimata Sullivan Maritime Limited pro et nomine kienet giet inkarigata, mis-socjeta attrici, tittrasporta trakk minn Southampton, gewwa l-Ingilterra

ghal Malta, liema trakk wasal f'Malta fl-10 ta' Awissu, 2009 kif jixhdu l-Freight Invoice u l-Notice of Arrival (veri kopji taghhom hawn annessi u mmarkati Dok A u Dok B rispettivament).

Illi meta t-trakk wasal f'Malta fl-10 ta' Awissu, 2009 u gie rilaxxjat lis-socjeta attrici fit-terminal operat mill-kumpanija Valletta Gateway Terminals, irrizulta illi t-trakk kellu hsarat sostanzjali fil-bumper.

Illi konsegwentement saru xogholijiet ta' tiswija fuq it-trakk in kwistjoni, liema tiswijiet ammontaw ghas-somma ta' sitt mija u hmistax-il ewro u tmienja u hamsin centezmu (€615.58) kif jirrizulta minn fattura datata s-16 ta' Novembru, 2009 mahruga mis-socjeta United Equipment Co. Ltd (vera kopja taghha annessa u mmarkata Dok. C).

Illi l-kumpanija intimata giet interpellata diversi drabi biex tersaq ghal hlas tal-ispejjez imsemmija anke permezz ta' ittra uffcijali datata t-13 ta' Jannar 2010 (vera kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dok D) izda baqghet inadempjenti u anzi qed tikkontesta t-talba (vera kopja ta' ittra annessa Dok E).

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, is-socjeta attrici titlob umilment dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jikkundanna u jordna s-socjeta intimata thallas is-somma msemmija ta' sitt mija u hmistax-il euro u tmienja u hamsin centezmu (€615.58) bl-ispejjez gudizzjarji u l-imghaxijiet legali".

Ra **r-risposta tas-socjeta konvenuta proprio et nomnine** minnha mressqa fil-15 ta' Ottubru, 2010 u li permezz taghha hija ecceppiet hekk:

"Illi preliminarjament, is-socjeta konvenuta Sullivan Maritime Limited f'isimha proprju mhijiex il-legittimu kontradittur u ghandha ghalhekk tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi ma ghandhiex relazzjoni guridika diretta mar-rikorrent;

Illi in kwant agent tal-kumpanija responsabbli ghall-garr l-kumpanija ntimata ma ghandhiex awtorita illi

tirrapprezenta lill-kumpannija estera in kwistjoni f'dawn il-proceduri u ghalhekk ma hijiex legittimu kontradittur f'din il-kawza u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jingiebu direttament kontra min kien responsabbli ghall-garr;

Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu, t-talbiet tar-rikorrenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u l-kumpanija intimata kemm personalment u kemm bhala agent tal-kumpanija estera ma hijiex responsabbli ghall-allegati hsarat ukoll ghaliex ser jirrizulta illi t-trakk mertu ta' din il-kawza kien gja affett minn danni ezistenti kemm fil-bumper kif ukoll f'postijiet ohra qabel ma tela fuq il-vapur ghall-istess vjagg;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri".

Ra s-sentenza tieghu datata 18 ta' Gunju, 2012 u li permezz taghha gew michuda l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta intimata;

Ra l-verbal datat 6 ta' Mejju, 2013, fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Semgha' x-xhieda;

Semgha t-trattazzjoni;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. **Christine Calleja**, direttrici tas-socjeta rikorrenti xehdet fis-seduta tad-19 ta' Settembru, 2012. Meta giet mistoqsija jekk it-trakk in kwistjoni kienx affett minn hsarat meta tghabba originarjament abbord il-bastiment fir-Renju Unit, hija qalet li ghandha ritratti ta' dan l-istess trakk kif kien meta nxtara. Kompliet tghid li "*had qatt ma qalilna li t-trakk kellu xi hsara meta tela' fuq il-bastiment l-anqas meta rcevejna n-notice of arrival ma kien hemm rimarki li t-trakk kellu l-hsara*" (fol. 82). Kompliet tghid li meta wasal

it-trakk hawn Malta u skoprew li kellu l-hsarat huma kkomunikaw mas-socjeta intimata li da parti taghha qatt ma qallulhom li l-hsarat kienu jezistu qabel ma t-trakk in kwistjoni tela fuq il-vapur. Ix-xhud stqarret ukoll li hija kienet rat il-hsarat li kien hemm fit-trakk u ghaddiet biex issemmi l-*bumper ta' quddiem* li kien imqaccat. B'referenza ghad-dokument immarkat bl-ittra "C" mat-Talba (fol. 5) ix-xhud qalet li biex isewwu l-imsemmi trakk huma kellhom ihallsu s-somma ta' €615.58c f'liema ammont kien hemm inkluzi l-*parts* u l-*labour*. Mistoqsija in kontro-ezami jekk huma marrux ghand haddiehor ghal parts u r-raguni ghala huma xtraw dawn il-parts minghand il-United Equipment Company (UNEC Limited), ix-xhud qalet li ma marru ghand hadd izjed u kellhom imorru ghand din is-socjeta l-ghaliex hija l-agent tad-DAF hawn Malta u t-trakk li kienu xtraw kien tal-marka DAF.

In kontro-ezami, x-xhud qalet li l-ftehim mas-socjeta intimata kien li hija ggibilhom it-trakk minn Southampton ghall-Malta. Qalet ukoll li hija kienet taf li l-vapur kellhu jmur l-Italja u hemm it-trakk kellu jitghabba go vapur iehor biex imbaghad jigi Malta fuq dan it-tieni vapur. Hija stqarret ukoll li s-socjeta rikorrenti kienet talbet t-*tally sheet*lis-socjeta intimata izda din baqghet qatt ma ghadditilhom kopja. Skond ix-xhud, "*suppost jekk kien hemm damage kien ikun hemm imnizzel*" (fol. 83).

Ix-xhud qalet ukoll li t-trakk in kwistjoni inxtara *second hand* mill-Ingilterra u dan permezz ta' l-*internet*. Huma ma kienux telghaw jarawh l-Ingilterra pero tghid li "*… ghadna ritratti bhala evidenza li juru kif kien it-trakk u cioe minghajr hsarat*" (fol. 83).

Mistoqsija jekk kienx hemm persuna li minn Southampton ra dan it-trakk, ix-xhud qalet li s-socjeta intimata kienet responsabbli u dan peress li hija kienet obbligat ruhha mas-socjeta rikorrenti li ggibilhom dan it-trakk hawn Malta. Hadd ma kien qal lis-socjeta rikorrenti lid an it-trakk kellu l-hsarat, la s-*supplier* taghhom li ha t-trakk minn fejn kien inxtara sa Southampton u lanqas is-socjeta intimata. Tkompli tghid illi jekk it-trakk tela fuq il-vapur bil-hsara minn Southampton, allura s-socjeta intimata messha

gibditilhom l-attenzjoni ghal dan il-fatt u mhux thallih jigi Malta imbaghad joqghodu jmorru l-Qorti.

Qalet ukoll li s-socjeta rikorrenti kkomunikat mas-*supplier* taghhom u stasietu jekk it-trakk kellux hsara meta huwa rrilaxxah ghand is-socjeta intimata u t-twegiba taghhom kienet li t-trakk ma kellhux hsara u fil-fatt baghtilhom ir-ritratti li baghtilhom huwa stess. Dawn ir-ritratti juru kif kien it-trakk fil-yard minn fejn inxtara u mhux qabel ma tela fil-vapur gewwa Southampton.

In ri-ezami, x-xhud qalet li zewgha, li huwa ukoll direttur tas-socjeta rikorrenti, kien qalilha li "*... meta t-trakk gie hawn malta ma ridtx jistartja u allura kellhom jigbduh mill-bumper b'katina permezz ta' lifter. Jiena qed nifhem illi l-hsara grat meta proprju kien hemm din il-manuvra fuq il-vapur biex jinzel mill-istess vapur*" (fol. 84).

2. Fis-seduta tat-30 ta' Ottubru, 2012 **xehed Nigel Calleja**. Huwa esebixxa hames (5) ritratti li juru l-istat li kien it-trakk in kwistjoni meta inxtara (dok. NG 1) u l-istat li kien fih meta huwa mar biex jigbor dan it-trakk mix-xatt hawn Malta (dok. NG 2 sa 5). Huwa kompla jghid li minkejja l-hsara li kien irriskontra fuq it-trakk, huwa xorta wahda ried jiehdu l-kumpanija pero x'hin ma biex jixghelu dan ma startjax. Huwa imbaghad tela fuq il-bastiment li bih kien wasal hawn Malta l-istess trakk u hemm staqsa lill-*first officer* x'kien gara u dan qallu "*l'ho caricato cosi da Civita Vecchia*" (fol. 86). Kompla jghidlu li biex inizzlu dan it-trakk minn fuq il-vapur kellhom jigbduh bil-katina u ghalhekk grat il-hsara. Wara dan il-*first officer* tah ic-*charger* tal-batterija tieghu u b'hekk ix-xhud seta jistartja t-trakk. X'hin wasal fejn il-gate pass out, il-foreman li kien hemm qallu li "*... jiena skarikajt il-van ossia trakk minn fuq il-vapur u li gie skarikat hekk*" (fol. 86). Ix-xhud kompla jghid li hija xi haga mpossibbli li dan it-trakk jinstaq fil-kundizzjoni li kien fuq il-*motor way* gewwa l-Ingilterra imbaghad tghabba f'dik il-kundizzjoni fuq il-vapur.

B'referenza ghad-dokument li hemm esebit a fol. 5 tal-process, ix-xhud qal li dawk it-tiswijiet kienu saru ghand Bonnici Brothers ta' Burmarrad.

In kontro-ezami, u b'referenza ghad-dok. NG 1 (fol. 89), ix-xhud qal li dan huwa ritratt mehud gimgha qabel ma dan it-trakk tghabba fil-vapur fil-yard tas-*supplier* tat-trakk u li kien l-uniku ritratt li kellu tat-trakk in kwistjoni meta dan kien ghadu gewwa r-Renju Unit. Ma kien ittiehed l-ebda ritratt tat-trakk qabel dan tela fuq il-vapur. Qal ukoll li x-xufier tas-*supplier* jiehu t-trakk sal-gate tal-port u minn hemm il-quddiem tiehu hsieb is-socjeta intimata. Il-kumplament tar-ritratti ttiehdu waqt li t-trakk in dizamina kien ix-xatt.

B'referenza ghal dak li xehed dwar li kien qallu l-*first officer*, x-xhud qal li huwa ma jafx jekk il-*first officer* kienx ra lil xi hadd jigbed dan it-trakk bil-katina pero qal li jimmagina li dan il-*first officer* kien jaf xi haga biex qallu hekk.

3. Fis-seduta tal-15 ta' Jannar, 2013 **xehed Joseph Bugeja**, General Manager tas-socjeta intimata. Huwa esebixxa dokument (dok. JB 1 a fol. 98) u li minnu jirrizulta li fit-23 ta' Lulju, 2009 kienet inharget polza mis-socjeta Taljana Atlantica di Navigazione Spa biex tingarr *one used unpacked vehicle* mill-port ta' Southampton ghal port ta' zbark gewwa l-Belt Valletta. Is-*shipper* in kwistjoni kien Sun Organization p.l.c. filwaqt li r-ricevitur kienet is-socjeta rikorrenti.

Kompla jghid li r-rwol tas-socjeta intimata f'dan il-kaz kien "*... ta' agent tal-Atlantica di Navigazione Spa*" (fol. 96). Din l-ahhar socjeta tifforma parti mill-Grimaldi Group.

Qal li meta rcevew l-ilment dwar il-hsarat minghand is-socjeta rikorrenti huma bdew l-investigazzjonijiet taghhom. Qal li dan it-trakk ingarr minn Southampton ghal Civita Vecchia u minn dan l-ahhar post ghal Malta. Zied ighid li "*... meta dan il-vann itghabba minn Southampton diga kellu rimarki li kellu l-hsara. Sussegwentement meta gie trasportat Civita Vecchia kien hemm rimarka li dan tghabba bl-istess hsara*" (fol. 96). F'dan ir-rigward, ix-xhud esebixxa zewg dokumenti li gew immarkati bhala dok. JB 3 (li jirreferi ghal meta l-van tghabba mill-port ta'

Southampton) u dok. JB 4 (li jitkellem dwar il-kundizzjoni tal-van meta tghabba minn Civita Vecchia).

Qal li skont il-polza tal-garr, il-wasla tal-merkanzija hawn Malta kienet *on free out basis* li jfisser li r-ricevitur huwa responsabbli li jhott il-merkanzija mill-posizzjoni fl-istiva sa ma tinzel l-art. Dan ma jaghmlux ir-ricevitur izda jinkariga lil Valletta Gateway Terminal li hija l-kumpanija appuntata ufficjalment biex taghmel dan ix-xoghol. Ghalhekk isostni dan ix-xhud la huma, la Grimaldi u lanqas Atlantica di Navigazione SpA ma nizlu dan it-trakk minn fuq il-bastiment. L-obbligu tas-socjeta intimata jintemm malli l-vapur jigi *dockyard* b'mod *safe* u s-socjeta intimata tiddikjara li l-merkanzija tista tinhatt.

Ix-xhud esebixxa ukoll dokument iehor li gie mmarkat bhala dok. JB 5 li huwa dokument mahrug mill-Valletta Gateway Terminal fl-10 ta' Awwissu, 2009 li turi li dan it-trakk nizel minn fuq il-bastiment bl-isem ta' Euro Cargo Istanbul u nizel bid-danni.

Ghar-rigward ta' x'ried ifisser bil-kliem *used* jew *unpacked car* ix-xhud qal li s-socjeta intimata "*... taghmel distinzjoni cara fejn il-bill of lading meta nkunu qeghdin ingorru vejikoli godda u dawk uzati*" (fol. 97). Kompla jghid li "*... kien ghalhekk li jiena esebejt id-dokument JB 2 li tindika r-responsabilita tas-socjeta minni rapprezentata ghan-nom ta' l-Atlantica u huma dawk il-kundizzjonijiet li jorbtu*" (fol. 97).

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Mid-dokumenti esebiti minn Joseph Bugeja, General Manager tas-socjeta intimata jirrizulta li t-trakk in kwistjoni, kien telaq mill-Port ta' Southampton gewwa r-Renju Unit u skond ma jirrizulta mid-dok. JB 3 (fol. 100) kien hemm "*rear bumper/scrs7 dents all over*" (fol. 102). Id-dok. JB 4 huwa d-dokument li gie rilaxxat meta dan it-takk imbaghad kien jinsab fil-vapur li kien gej hawn Malta minn Civita Vecchia. Skond id-deskrizzjoni tad-danni moghtija hemm il-kliem "*front bumper*" (fol. 103). Dan ifisser fil-fehma tat-

Tribunal li l-hsara grat f'xi waqt li dan it-trakk kien niezel minn fuq il-bastiment li fuqu kien tqieghed gewwa Southampton u filwaqt li kien tiela fuq it-tieni vapur f'Civita Vecchia. Zgur li ma telax bil-bumper ta' quddiem kwazi mqaccat it-trakk fuq il-bastiment gewwa l-port ta' Southampton.

5. Is-socjeta rikorrenti tghid li hija kkuntratt lis-socjeta intimata sabiex iggibilha dan it-trakk minn gewwa r-Renju Unit (Southampton) ghal Malta u ghalhekk hija ghandha twiegeb ghal hsarat li sofra t-trakk taghha. Is-socjeta intimata esebiet il-bill of lading (dok. JB 1 a fol. 98) fejn fiha hemm miktub li "*Unpacked and Unprotected, vessel, line or its agents are neither responsible for dents, scratches and/or any other damage to the vehicle (s), nor for theft of removable fittings and/or accessories and/or contents of any kind, even if itemised in this bill of lading. Shipper has been advised prior to shipment not to leave any objects or personal belongings inside the vehicle, unless at their own risk*". Hemm miktub ukoll, fl-istess bill of lading li "*Shippers, buyers and/or forwarders are advised to ensure that suitable marine insurance cover is in place, to underwrite such losses*" Issa f'dan il-kaz s-socjeta rikorrenti ma ghamlet l-ebda tip ta' marine insurance u dan kif jirrizulta mix-xhieda tad-direttrici Christine Calleja. Il-kliem adoperat fil-*bill of lading* ifisser li allura s-socjeta intimata ma ghandhiex twiegeb ghal hsarat riskontrati fit-trakk tas-socjeta rikorrenti, liema hsarat sehhew f'xi waqt meta dan it-trakk kien fuq il-vapur bejn il-port ta' Southampton u Civita Vecchia? Ir-risposta fil-fehma tat-Tribunal hija li s-socjeta intimata ghandha taghmel tajjeb ghal dawn il-hsarat l-ghaliex sehh waqt li kien taht ir-responsabbilita taghha.

6. Illi ghar-rigward tal-hsarat li sewwiet is-socjeta rikorrenti, jirrizulta li ntefqet is-somma ta' €615.58c. Dan skond ma jirrizulta mid-dok. C (fol. 5) tal-process. It-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita mill-awtenticita ta' dan id-dokument u ta' l-ammont hemm indikat.

7. Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad it-tielet u l-ahhar eccezzjoni tas-

socjeta intimata, jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ sitt mija u hmistax-il euro u tmienja u hamsin centezmu ta’ euro [€615.58] flimkien ma l-imghaxijiet kif mitluba.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------